

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/522****tal-25 ta' Marzu 2015****li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta mal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fl-Ungerija***(notifikata bid-dokument C(2015) 1711)***(It-test bl-Ungeriż biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu animali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) L-influenza avjarja hija marda virali infettiva tal-għasafar, inkluż il-pollam. L-infezzjonijiet bil-vajrusis tal-influenza avjarja fil-pollam domestiku jagħtu lok għal żewġ forom ta' din il-marda li huma distinti mill-virulenza tagħhom. Il-forma ta' patoġeniċità baxxa ġeneralment tikkawża biss sintomi ħfief, filwaqt li l-forma ta' patoġeniċità għolja twassal għal rati ferm għoljin ta' mwiet fil-parti l-kbira tal-ispeċijiet tal-pollam. Din il-marda tista' tħalli impatt qawwi fuq il-profitabbiltà mit-trobbija tal-pollam tal-irziezet.
- (2) L-influenza avjarja tinstab l-aktar fl-għasafar, iżda f'ċerti ċirkustanzi jaf ikun hemm infezzjonijiet ukoll fil-bnedmin, minkejja li r-riskju ta' dan huwa ġeneralment baxx ħafna.
- (3) Fil-każ ta' tifqigħa tal-influenza avjarja, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinfirex f'azzjendi oħrajn fejn jittrabbew pollam jew għasafar oħra. Minħabba f'hekk, din tista' tinfirex minn Stat Membru għal Stati Membri oħra jew għal pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ ta' tjur ħajjin jew tal-prodotti tagħhom.
- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE <sup>(3)</sup> tistabbilixxi ċerti miżuri preventivi relatati mas-sorveljanza u d-detezzjoni kmieni tal-influenza avjarja u l-miżuri minimi tal-kontroll li jridu jiġu applikati f'każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda f'pollam jew f'għasafar oħra mrobbijin. Dik id-Direttiva tistipula li jitwaqqfu żoni ta' protezzjoni u sorveljanza f'każ li tfaqqaq l-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja.
- (5) Wara n-notifka mill-Ungerija dwar tifqigħa tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'azzjenda għat-tismin tal-papri fil-Kontea ta' Békés, fl-Ungerija, fl-24 ta' Frar 2015, ġiet adottata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/338 <sup>(4)</sup>.
- (6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/338 tistipula li ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti mill-Ungerija, f'konformità mad-Direttiva 2005/94/KE, għandhom jinkludu tal-anqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/338 għandha tapplika sas-26 ta' Marzu 2015.

<sup>(1)</sup> ĠUL 395, 30.12.1989, p. 13.<sup>(2)</sup> ĠUL 224, 18.8.1990, p. 29.<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 2005/94/KE tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠUL 10, 14.1.2006, p. 16)<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/338 tas-27 ta' Frar 2015 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi interim marbuta mal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fl-Ungerija (ĠUL 58, 3.3.2015, p. 83).

- (7) Il-miżuri protettivi interim li daħlu fis-seħħ wara li faqqgħet din il-marda fl-Ungerija issa ġew riveduti fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf u ż-żoni taħt ir-restrizzjonijiet issa jistgħu jiġu deskritti b'mod aktar preċiż.
- (8) Biex jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u biex jiġi evitat li xi pajjiż terz jimponi ostakli mhux ġustifikati fuq il-kummerċ, jeħtieġ li jiġu ddefiniti ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti fl-Ungerija fil-livell tal-Unjoni f'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru u li jiġi ffissat it-tul ta' żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.
- (9) Għal raġunijiet ta' ċarezza, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/338 għandha titħassar.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Ungerija għandha tiżgura li ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2005/94/KE jinkludu tal-anqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/338 hija mħassra.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

## PARTI A

Iż-żoni ta' protezzjoni kif hemm referenza fl-Artikolu 1:

ISO Kodiċi tal- Pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk huwa dis- ponibbli)	Isem	Id-data sa meta japplika skont l-Artikolu 29 tad- Direttiva 2005/94/KE
HU	L-Ungerija	Kodiċi postali	Żona li tinkludi:	27.3.2015
		5525	Dik il-parti mill-belt ta' Füzesgyarmat u l-periferija tagħha (li tinsab fil-Kontea ta' Békés) f'ċirku b'raġġ ta' tliet(3) kilometri iċċentrata fuq il-punt ta' Latitudni 47.1256 u Lonġitudni 21.1875. Barra minn hekk, il-parti mill-belt ta' Füzesgyarmat fil-Punent tat-toroq Kossuth u Árpád u fit-Tramuntana tat-triq Mátyás.	

## PARTI B

Iż-żona ta' sorveljanza kif hemm referenza fl-Artikolu 1:

ISO Kodiċi tal- Pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk huwa dis- ponibbli)	Isem	Id-data sa meta japplika skont l-Artikolu 31 tad- Direttiva 2005/94/KE
HU	L-Ungerija	Kodiċi postali	Żona li tinkludi:	5.4.2015
		4172 5520 5525 5526	Il-parti mill-kontej ta' Békés u Hajdú-Bihar f'ċirku b'raġġ ta' 10 kilometri, iċċentrata fuq il-punt ta' Latitudni 47.1256 u Lonġitudni 21.1875, li tinkludi t-territorju kollu ta' residenzi Füzesgyarmat u Tövisskes u: — Parti mill-belt ta' Szeghalom fit-Tramuntana tat-toroq Arany János u Kínizsi. — Iż-żona kollha tal-lokalità ta' Kertészsziget. — Parti mill-lokalità ta' Biharnagybajom fin-Nofsinhar tat-toroq Kossuth u Rákóczi.	